# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Ottubru, 2025.**

**Numru 2**

**Rikors numru 837/17/1 GM**

**Jeffrey Caruana, George Sammut, Emanuel Cardona, Henry Holland,Raymond Vella, Carmel Pace, Lorenza Borg Savona (magħrufa bħala Lorenza Borg), Anna Bailey, Catherine Spiteri, u Margaret Mamo**
**v.**

**Onor. Ministru għall-Finanzi, Onor. Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali**

1. Din hija sentenza minn appell imressaq mill-intimati Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali wara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Lulju 2024. L-Ewwel

Qorti illiberat lill-Ministru għall-Finanzi, lill-Ministru għall-Familja u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi mill-osservanza tal-ġudizzju, laqgħet l-ewwel talba tal-atturi u ddikjarat li d-deċiżjoni tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, fejn ċaħħad lill-atturi, *qua* uffiċjali pubbliċi, milli jgawdu huma wkoll is-somma u l-pensjoni tat-teżor, hija nulla, invalida u mingħajr effett għaliex ittieħdet għal għanijiet mhux xierqa u msejsa fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti u konsegwentement laqgħet parzjalment it-tieni talba tal-atturi li t-talba għas-somma u pensjoni tas-servizz *ossia* pensjoni tat-teżor tiġi trattata mill-ġdid.

**Daħla**

2. L-atturi ressqu s-segwenti talbiet:

> *"1. Tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mill-intimat Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali u li permezz tagħh ċaħħad lir-rikorrenti, qua uffiċjali pubbliċi, in kwantu illi rrifjuta t-talba tagħhom, milli jgawdu huma wkoll il-pensjoni tat-teżor u s-somma kif kontemplat fil-Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta, hija nulla, invalida u mingħajr effett għar-raġunijiet hawn fuq premessi, imma fuq kollox għaliex hija meħuda għal għanijiet mhux xierqa, msejsa fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti u tmur kontra l-Artikolu 27 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Tordna konsegwentement illi r-rikorrenti jiġu trattati bl-istess mod kif ġew trattati uffiċjali pubbliċi oħra bħalhom, anke jekk b'anqas seniority mir-rikorrenti, sabiex b'hekk, ir-rikorrenti wkoll jiġu intitolati għas-somma u l-pensjoni tat-teżor bl-istess mod illi qed igawdu minnha dawk l-uffiċjali pubbliċi li lilhom ingħatat ex gratia."*

3. Dan għamluh abbażi tas-segwenti premessi:

*“1) L-esponenti huma kollha għalliema jew għalliema rtirati, u wara li flimkien lestew il-Post Graduate Certificate in Education, ġew ngaġġjati fis-Servizz Pubbliku bħala uffiċjali pubbliċi fi grad ta' Teacher II fis-7 ta' Jannar 1980. Ir-rikorrenti George Sammut, Emanuel Cardona, Carmel Pace, Lorenza Borg u Margaret Mamo huma in effetti llum irtirati, filwaqt illi r-rikorrenti l-oħra formanti l-istess grupp ta’ għalliema li ġew ngaġġati fis-Servizz Pubbliku fi grad Teacher II fis-7 ta' Jannar 1980, għadhom fis-servizz pubbliku.*

*2) Huma kollha kienu ġja ngaġġjati fis-Settur Pubbliku sa minn qabel dik id-data, uħud sa minn Settembru 1979, oħrajn anke qabel, b'dati li jwasslu lura għas-sena 1976, fuq kuntratti diversi.*

*3) Dawk mir-rikorrenti rtirati (hawn fuq elenkati) illum igawdu mill-pensjoni tas-Siġurta' Soċjali fuq il-premessa illi, bħala stat ta' fatt, saru uffiċjali pubbliċi wara l-15 ta' Jannar 1979, ai termini tal-Kap 93 (l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet) tal-Liġijiet ta’ Malta u huwa mifhum illi r-rikorrenti l-oħra illi llum għadhom fis-servizz pubbliku ser igawdu mill-istess pensjoni.*

*4) L-istaff list uffiċjali tal-Gvern, ossia tal-Uffiċjali Pubbliċi, turi illi r-rikorrenti kollha ħadu l-appointment attwali u/jew li spiċċaw u/jew li ser jispiċċaw minnu fis-settur pubbliku fis-7 ta' Jannar 1980.*

*5) Fil-ġimgħat li għaddew, ġie a konoxxenza tar-rikorrenti, illi għalliema bħalhom, uffiċjali pubbliċi bħalhom, uffiċjali pubbliċi li bħar-rikorrenti gawdew mill-istess kundizzjonijiet preċiż tax-xogħol fil-ħajja lavorattiva tagħhom, kemm f'termini ta' paga u kif ukoll f'termini ta' kundizzjonijiet oħra tal-impjieg - li pero' daħħlu, bħala stat ta' fatt, fis-settur pubbliku wara l-esponenti, allura ħadu l-appointment wara li ħaduħ l-esponenti, ossia fis-16 ta' Frar 1980, u jidher ukott, illi dak kien l-ewwel appointment tagħhom fis-settur pubbliku, b'dan illi r-rikorrenti għandhom seniority fuq l-għalliema uffiċjali pubbliċi msemmija, ngħataw dak li ssejjaħ 'ex gratia' pensjoni tat-Teżor u s-somma li talvolta huma ntitolati għaliha l-uffiċjali pubbliċi, hekk uffiċjali, qabel il-15 ta' Jannar 1979, u jiġi ppreċiżat illi uħud minnhom ġa qed igawdu minn tali pensjoni u oħrajn għadhom jaħdmu imma ser jieħdu tali pensjoni meta jagħlqu l-eta’ tagħhom tal-irtirar.*

*6) Jingħad ukoll illi uħud minn dawk l-ex uffiċjali pubbliċi li qed igawdu minn din il-pensjoni, ġja kienu ilhom numru ta’ snin bil-pensjoni tas-Siġurta’ Soċjali, sabiex issa, b'mod retrospettiv, ingħataw il-benefiċċju tal-pensjoni tat-teżor u s-somma illi mal-irtirar tagħhom, ma kienux ħadu.*

*7) Meta r-rikorrenti jew min minnhom sar jaf b'dan, ressqu għalhekk*

*talba lill-intimat Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali, sabiex jingħata l-istess trattament u jiġi wkoll konċess lilhom, ossia, lir-rikorrenti, illi jgawdu wkoll mill-pensjoni tat-Teżor u s-somma kif hawn fuq premess u mhux igawdu sempliċiment mill-pensjoni tas-Siġurta' Soċjali.*

*8) Dan sar b'ittra tar-rikorrenti Lorenza Borg tat-12 ta' April 2017, u b'risposta elettronika tat-23 ta' Marzu 2017 (07:14), l-imsemmi Segretarju Permanenti fil-Misteru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali għarraf lir-rikorrenti illi l-każ tal-għalliema uffiċjali pubbliċi l-oħra li ngħataw l-ex gratia pensjoni tat-Tezor u ssomma kien differenti peress illi "you were not in employment in the public service prior to 15 th January 1979 before starting your University course. Your first appointment with the public service was after that date. Had you been in analogous situation — you would have been treated the same like them".*

*9) Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali kien hemmhekk fattwalment u legalment skorrett, u meta rinfaċċjat bid-dokumenti pubbliċi uffiċjali (l-istaff list tal-Gvern), u li in effetti r-rikorrenti igawdu minn seniority fuq dawk li a favur tagħhom l-intimat Segretarju Permanenti ddeċieda illi jagħti l-ex gratia pensjoni tat-Teżor u s-somma, dan seta' biss jgħid (email 23.03.2017 10:42:11PM) illi "it transpired that they were in employment with the public service before 1979".*

*10) It-tgħawwiġ tal-fatti, l-iskorrettezzi u l-inazettezzi sabiex l-intimati jittentaw jiġġustifikaw it-trattament mogħti lil ċerti uffiċjali pubbliċi iżda mhux lil kull uffiċjal pubbliku, kompla joħroġ dejjem aktar evidenti meta uffiċjal mill-Information Management Unit tal-Ministeru għat-Familja u Solidarjeta' Soċjali wieġbet lill-esponenti, wkoll b'email, datata 21 ta' April 2017, u filwaqt illi ma kkonfermatx dak li qal is-Segretarju Permanenti kif hawn fuq ikkwotat, qalet illi l-għalliema/uffiċjali pubbliċi li ngħataw il-pensjoni tat-teżor u s-somma, fil-fatt ma daħlux fis-Servizz Pubbliku qabel Jannar 1978, peress illi meta setgħu jagħmlu dan, huma komplew minflok b'aktar studji, allegatament fuq il-premessa ta' ftehim (sic!!) illi huma jżommu d-drittijiet tagħhom tal-pensjoni tat-teżor.*

*11) Rinfaċċjati b'dan kollu, ir-rikorrenti intavolaw protest ġudizzjajru fit-12 ta' Lulju 2017 (219/2017) li ġie debitament notifikat u għal-liema, l'hemmhekk protestati hawnekk intimati, irrispondew billi qalu illi hemm distinzjoni oġġettiva bejn il-posizzjoni tar-rikorrenti u dik tal-uffiċjali pubbliċi l-oħra illi kienu anqas fis-seniority għar-rikorrenti imma li ngħataw il-pensjoni tat-teżor u s-somma, u dan peress illi l-uffiċjali pubbliċi tal-aħħar "kienu diġa' spiċċaw il-kors ta' studju b'suċċess sabiex isiru għalliema liema tmiem tal-kors ta' studju fetħilhom il-bieb għall-ingaġġ tagħhom mas-servizz pubbliku qabel il-15 ta' Jannar 1979'.*

*12) Ir-rikorrenti jqisu illi bħal ma l-bieb għall-ingaġġ tal-uffiċjali pubbliċi li gawdew mid-deċiżjoni li jingħataw pensjoni tat-teżor u s-somma, anke jekk ingaġġjati wara l-15 ta' Jannar 1979 u li r-rikorrenti huma senior għalihom, hekk ukoll il-bieb kien miftuħ għar-rikorrenti sabiex jingaġġjaw mas-servizz pubbliku, bħala uffiċjali pubbliċi, u kwindi, id-deċiżjoni amministrattiva meħuda mis-Segretarju Permanenti intimat fil-konfront tar-rikorrenti hija żbaljata u tinħtieġ illi tiġi, qua għemil amministrattiv, mistħarrġa mill-Qrati kompetenti ai termini tal-Artikolu 469A tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tiġi dikjarata nulla, invalida u mingħajr effett.*

*13) Fuq kollox hawnhekk si tratta ta' fondi pubbliċi u għalhekk illi r-rikorrenti qegħdin ukoll hawnhekk iħarrku lill-Ministru tal-Finanzi u sSegretarju Permanenti fl-istess Ministeru, li ċertament illi jkollhom vuċi u involviment fid-deċiżjoni meħuda u illi għandha tiġi mistħarrġa mill-Qrati tagħna, għall-integrita' tal-ġudizzju tagħha.*

*14) Ir-rikorrenti jsostnu illi d-deċiżjoni/għemil amministrattiv li għandha tiġi mistħarrġa, ossia, illi ċċaħħad lir-rikorrenti milli jingħataw, bħal ma ingħataw uffiċjali pubbliċi oħra li komparat magħhom, l-esponenti huma senior, u, ukoll, bil-preċedent maħluq, jikkonstitwixxi, għemil amministrattiv li permezz tiegħu, l-awtorita' pubblika intimata kif vestita fl-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali u l-intimati loħrajn, "sar għal għanijiet mhux xieraq' u huwa msejjes fuq "konsiderazzjonijiet mhux rilevanti' [469A (1) (iii)] u wkoll, "imur kontra lliġi" (469A (1) (iv)) u senjatament kontra l-Artikolu 27 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jiggarantixxi trattament ugwali wkoll għal fini ta' pensjonijiet, kif inoltre' ben stabbilit b'sentenzi tal-Qorti Ewropea u kif ukoll Maltin.*

*15) Minkejja l-Protest Ġudizzjajru hawn fuq msemmi, l-intimati baqgħu inadempienti, allura kellha ssir din il-kawża għall-istħarriġ ġudizzjarju tal-azzjoni amministrattiva hawn fuq riferita illi biha l-esponenti ġew mċaħħda u ġie lilhom rifjutat milli jieħdu l-pensjoni tat-teżor u s-somma kif kontemplat fil-Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta għall-Uffiċjali Pubbliċi.”*

4. L-intimati ressqu s-segwenti risposta konġunta permezz ta’ liema rrispondew li:

*“1. In linea preliminari, il-Ministru għall-Finanzi, il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi mhumiex il-leġittimi kontradittiri u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju u dan inter alia ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*2. In linea preliminari wkoll, l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) mhux applikabbli stante dak li qiegħed jintalab l-istħarriġ ġudizzjarju tiegħu u ma jaqax fit-tifsira ta' "għemil amministrattiv" li nsibu fis-subinċiż 2 tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12.*

*3. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi Jeffrey Caruana, George Sammut, Emanuel Cardona, Henry Holland, Raymond Vella, Carmel Pace, Anna Bailey, Catherine Spiteri u Margaret Mamo biex jipproponu l-azzjoni odjerna b'mod partikolari peress illi l-korrispondenza skambjata kienet unikament ma' Lorenza Borg u għalhekk l-allegat għemil amministrattiv li qed jintalab li jiġi mistħarreġ m'huwiex għemil amministrattiv magħmul fil-konfront tal-atturi;*

*4. Preliminarjament ukoll, l-esponenti jeċċepixxi n-nullita' tal-azzjoni odjerna in kwantu qiegħdha tiġi proposta bħala 'actio popolaris' taħt l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta meta dak l-artikolu ma jipprevedix l-'actio popolaris' ;*

*5. Preliminarjament ukoll, in-nuqqas ta' fondament legali ta' l-azzjoni in kwantu tirreferi għall-Artikolu 27 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta) stante l-inapplikabilita' tal-Artikolu 27 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta) għall-persuni impjegati fis-servizz pubbliku;*

*6. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti:*

*(a) ir-rikorrenti ma għandhom l-ebda jedd skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93 tal-Liġijiet ta' Malta) li jirċievu l-pensjoni tat-Teżor meta jilħqu l-eta' pensjonabbli;*

*(b) is-sitwazzjoni tal-individwi l-oħra li għalihom issir riferenza mir-rikorrenti fir-rikors tagħhom hija oġġettivament differenti u distinta mis-sitwazzjoni tar-rikorrenti;*

*(c) ir-rikorrenti la kienu lestew il-kors ta' studju tagħhom sabiex isiru għalliema u lanqas ma kienu jiffurmaw parti mis-servizz pubbliku qabel il-15 ta' Jannar 1979. Illi dina s-sitwazzjoni hija differenti mis-sitwazzjoni li tapplika fil-każ tal-individwi l-oħra fejn dawn ta' l-aħħar kienu diġa' spiċċaw il-kors ta' studju b'suċċess sabiex isiru għalliema liema tmiem tal-kors ta' studju fetħilhom il-bieb għall-ingaġġ tagħhom mas-servizz pubbliku qabel il-15 ta' Jannar 1979;*

*(d) l-aġir tal-esponenti dejjem kien wieħed leġittimu u ċertament mhux wieħed abbużiv stante illi huma dejjem aġixxew b'konformita' mal-Liġi, dejjem sar għall-għanijiet xierqa u dejjem kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet rilevanti;*

*7. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rimedju mitlub mir-rikorrenti jmur oltre s-setgħat ta' dina l-Onorabbli Qorti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju u għalhekk dina t-talba għandha tiġi miċħuda;*

5. B'sentenza parzjali mogħtija nhar il-25 ta' Frar 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-tieni, t-tielet u l-ħames eċċezzjoni bl-ispejjeż a kariku tal-intimati. B'sentenza finali ta' nhar is-16 ta' Lulju 2024, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li:

*"(1) Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u tillibera lill-Ministru għall-Finanzi, il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*(2) Tilqa' in parte s-seba' eċċezzjoni bil-mod spjegat fil-parti razzjonali ta' din is-sentenza.*

*(3) Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi d-deċiżjoni meħuda mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali u li permezz tagħha ċaħħad lill-atturi, qua uffiċjali pubbliċi, in kwantu illi rrifjuta t-talba tagħhom, milli jgawdu huma wkoll is-somma u l-pensjoni tat-teżor hija nulla, invalida u mingħajr effett għaliex ittieħdet għal għanijiet mhux xierqa, hi msejsa fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti, kif ukoll ittieħdet bi ksur tal-liġi.*

*(4) Konsegwentament tilqa' in parte t-tieni talba billi tordna illi t-talba tal-atturi lill-amministrazzjoni pubblika għas-somma u pensjoni tas-servizz ossia pensjoni tat-Teżor tiġi ttrattata mill-ġdid, skont il-kriterji stabbiliti f'din is-sentenza.*

*Spejjeż tal-konvenuti Ministru għall-Finanzi, il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi a kariku tal-atturi. Il-bqija tal-ispejjeż jitħallsu 1/6 mill-atturi u 5/6 mill-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali.*"

6. L-intimati Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-

Tfal u Solidarjetà Soċjali, ħassewhom aggravati mis-sentenza finali u ressqu dan l-appell nhar l-14 ta' Awwissu 2024. L-atturi appellati ressqu t-tweġiba tagħhom nhar it-2 ta' Ottubru 2024.

**L-ewwel aggravju tal-appellanti**

7. L-intimati appellanti **permezz tal-ewwel aggravju jilmentaw li:**

> *"a. Il-każ preżenti huwa bbażat fuq il-premessa li d-deċiżjoni li ma tingħatax pensjoni tas-servizz lill-atturi bħalma ngħatat lil ħaddieħor ittieħdet għal għanijiet mhux xierqa, u kienet imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti. Din il-premessa tinkwadra ruħha fit-termini tal-Art. 469A(1)(b)(iii) tal-Kap. 12. Id-diskriminazzjoni hija waħda mill-każijiet fejn id-deċiżjoni amministrattiva tkun ittieħdet fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti. IIli l-Ewwel Onorabbli Qorti kwalifikat din il-kunsiderazjoni billi premettiet li 'Iż-żewġ gruppi għażlu li jagħmlu kors post-graduate; l-għan kien illi jidħlu għalliema fi grad II minflok grad 1. Id-differenza kienet li bil-postgraduate li għamel il-grupp ta' Borg, seta' jidħol biss bħala għalliem filwaqt li bil-postgraduate li għamlu l-atturi setgħu jagħżlu li jidħlu wkoll f'postijiet oħrajn fiċ-Ċivil'.*
>
> *8. ILLi biex il-Qorti għamlet din il-kunsiderazzjoni jidher li ma kkunsidratx il-prova li permezz tagħha r-rikorrenti inizzjaw l-istudju tagħhom. Ir-rikorrenti inizzjaw l-istudju tagħhom direttament l-Università fl-1975 fil-Baċellerat tal-Arti u sussegwentament segwew il-Post Graduate Certificate in Education (PGCE). Filwaqt li fl-1975 il-grupp ta' George Borġ kienu bdew l-kors fit-Teachers Training College (dak li lum magħruf bħala l-MCAST). Dan wassal għar-riga li permezz tagħha tkejlet id-differenza fis-sitwazzjoni taż-żewġ gruppi u ċioe dak tar-rikorrenti u dak ta' George Borġ u li abbażi tagħha qatt ma setgħu jiġu meqjusa l-istess,*
>
> *9. ILLI d-differenza ġiet imkejla abbażi tal-fatt li wara tlett snin fit-Teachers Training College, il-Grupp ta' Borg kienu ġia Teachers II u ċioe dawk li temmewh f'Ġunju 1978 (bħalma hu l-grupp ta' George Borg), kien ser ikollhom impjieg ta' Teachers garantit f'Ottubru 1978. Dan il-fatt huma assigurawh billi komplew l-istudju tagħhom fl-iskema tal-istudent ħaddiem, fejn tali skema kienet tassiguralek l-impjeg tiegħek, di fatti dan il-fatt joħroġ ben ċar mix-xhud ta' Espedito Grech li jgħid li kellhom il-promise of employment meta qal is-segwenti ' Dawk sa fejn naf jien kienu worker students, kellhom il-promise of employment. Xorta jiġifieri ma jridux japplikaw, meta jlestu l-kors issir recommendation lill-Public Service Commission illi 1, 2, 3, 4, 5 u 6*

*għandhom isiru teachers mid-date. Jiġifieri ma kienx hemm proċess ta' application għax jiena qed nisponsorjak. Kif tlesti jkollok promise of emplojment' Dan jikkuntrasta mal-mod li għamlu li segwew l-istudju tagħhom ir-rikorrenti fejn fix-xhieda tagħha s-Sinjura Lorenza Borg Savona ddikjarat ' Jiena l-ewwel applikajt għall-Kulleġġ biex għax jiena dejjem ridt insir teacher; applikajt għall-kulleġġ, ma bagħtux għalija għall-kulleġġ. Wara nsir naf minħabba x'kienu r-raġunijiet, mhux se ngħidhom hawn, imbagħad allura biex ma noqgħodx nagħmel sena barra ninħela dħalt l-Università, kelli biex nidħol l-università, u kelli biex nidħol il-kulleġġ ukoll għax il-kulleġġ riedu 2 A levels u jiena kelli 4 A levels, Dħalt l-università, għamilt il-kors tal-BA u imbagħad hemm stajt nimpjega ruħi mal-gvern kieku ried; imma billi ridt insir għalliema trid nagħmel kors ieħor postgraduate certificate in education' Di fatti fir-rigward tar-rikorrenti, is-Sur Espedito Grech qalli sabiex jintgħażlu mal-Gvern 'Imbagħad kienu mistennija japplikaw kif toħroġ il-call għat-teachers u mbagħad isiru public officers bir-recommendation tal-PSC u bl-approval tal-Prim Ministru.*

*10.ILLI in oltre l-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-kunsiderazzjoni li l-grupp ta' Borg daħal fl-iskema student-ħaddiem meta l-kors ta' tlett snin kien għadu ma ntemmx u rrinunzjaw għad-dritt li jidħlu jaħdmu bħala għalliema grad I fi tmiem it-tlett snin. Filwaqt li l-atturi ma kinux jikkwalifikaw bħala għalliema fis-sena 1978, huma ggradwaw f'dik is-sena u għalhekk setgħu jiġu ngaġġati mas-servizz pubbliku għalkemm mhux bħala għalliema. Illi sabiex l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet din il-kunsiderazzjoni naqqset milli tikkunsidra l-fatt li fis-sena 1978, ir-rikorrenti ma kellhomx promise of emplovment u għalhekk ma setgħux jidħlu fis-Servizz Ċivili b'mod awtomatiku bħalma setgħu jagħmlu l-grupp ta' George Borg. In oltre l-Qorti tal-Prim'Istanza meta ttrattat din il-kunisderazzjoni naqqset milli tieħu in kunsiderazzjoni x-xhieda ta' waħda mir-rikorrenti stess u ċioe Lorenza Borg Savona meta qalet 'Dħalt l-università, għamilt il-kors tal-BA u mbagħad hemm stajt nimpjega ruħi mal-gvern kieku ried; imma billi ridt insir għalliema rrid nagħmel kors ieħor postgraduate certificate in education' Għaldaqstant, kienu r-rikorrenti stess li eliminaw il-possibiltà li jieħdu ċans sabiex jiġu ingaġġati mal-Gvern.*

*11. ILLI in segwitu, il-Qorti tal-Prim'Istanza skartat għal kollox, id-distinzzjoni bejn il-pożizzjoni ta' Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Politika Soċjali u Drittijiet tat-Tfal ġia l-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali u ċ-Chairperson tal-Working Group. Il-Qorti tal-Prim'Istanza l-anqas ma ħadet fil-kunsiderazzjoni tagħha l-fatt li dan il-Working Group kien imwaqqaf fuq talba tas-Segretarju Permanenti Prinċipali u li d-deċiżjoni aħħarija kienet tal-Kabinett u mhux tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali. Di fatti kien f'dan il-kuntest li s-Sur Musu fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza qal li kieku jerġa' jkun maħtur working-group u li għalih hu jkun iċ-Chairperson u jkollu fatti identiċi għal grupp ta' Borg,*

*m'għandu l-ebda problema sabiex jagħmel rakkomandazzjoni oħra. Però għandu jkun emfasizzat li f'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Prim'Istanza skartat għal kollox ix-xhieda tas-Sur Mark Musu u Dr. Jovce Cassar li matulha s-Sur Musu emfasizza s-segwenti:*

> *"Dawn daħlu għall-grupp u kellhom anke, u kien hemm anke meta rajna l-komunika uffiċjali, illi għandi kopja hawnhekk tagħha tad-data tat-tnejn (2) ta' Novembru nineteen seventy eight (1978), kien intqal anke saħansitra dawk li ma jgħaddux mill-eżami li kien sar fis-sajf, kienu imbagħad ħa jsirilhom arranġament biex jiġu impjegati mal-Gvern. Jiġifieri allura, at that stage, bħala working group konna ħassejna li dan il-grupp partikolari li kieku ovvjament tħallew, lestew il-kors tagħhom u kienu ħa jiġu impjegati mal-Gvern, kienu ħa jiġu mpjegati f'Ottubru nineteen seventy eight (1978), ċioe qabel il-ħmistax (15) ta' Jannar nineteen seventy nine (1979),u abbażi ta' dik il-kunsiderazzjoni l-working group dak iż-żmien, ħass li jirrakkomanda li jingħataw id-dritt għal pensjoni tas-servizz."*

*Filwaqt li Dr. Jovce Cassar bħala s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-People Standard Division qalet hekk:*

> *"...Jiġifieri li kieku l-Università ma fetħitx il-course tad-degree dawn kienu jidħlu Teacher 1 u kienu jkunu eliġibbli għall-pensjoni għax kienu ħa jidħlu qabel id-data ta' meta l-pensjoni kienet twaqqfet. Jiġifieri għall-fini tar-raġuni għalfejn ingħata dan ir-rapport minħabba li dawn xorta kienu ħa jiġu eliġibbli għall-pensjoni. Imbagħad issapportjaw l-idea li jibda dan il-kors fl-Università u daħlu mat-tielet sena. Fil-fatt għandi dokument jiena li juri mill-Ministeru tal-Edukazzjoni li dawn daħlu fit-tielet sena. Kwalunkwe każ ieħor li aħna sibna mill-Uffiċċju tiegħi u li rajna għax qabel konna nieħdu ħsieb ftit il-pensjonijiet aħna tat-Teżor, qabel ma għaddejnihom lill-Ministeru tal-Familja, ta' Mark Musu, biex niftehmu. Aħna konna involuti anke nies mill-uffiċċju tiegħi. Il-każi l-oħra li kieku ma marrux l-Università ma setgħux jidħlu xorta Teacher 1 in time għax kienu għadhom ma lestewx il-kors. Jiġifieri dawn kienu l-unika nies li kienu ħa jispiċċaw il-kors qabel ma twaqqfet il-pensjoni, fis-seventy-nine (79), January tas-seventy-nine. Dokument ieħor li aħna għandna fejn hawnhekk hawn komunikat li jinkludi lil dawk in-nies li hemm fir-rapport li kienu ħa jidħlu bħala student ħaddiem fl-aħħar sena, biex dan il-kors seta' jseħħ."*

*12. ILLI In oltre l-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat id-deċiżjoni tagħha wkoll fuq il-premess li 'Huwa evidenti li dan seħħ sempliċiment għaliex Ġorg Borg (li mexxa l-grupp ta' Borg) meta rtira ma kienx sempliċi għalliem imma kien addirittura d-Direttur tal-Edukazzjoni u għalhekk kellu voce in capitolo. Instema' l-każ tiegħu filwaqt li dak iż-żmien, il-każ tal-atturi lanqas biss ġie kkunsidrat. Illi sabiex din il-Qorti waslet għal din il-kunsiderazzjoni naqqset milli tikkunsidra x-xhieda ta' Espedito Grech u ta' Grazio Barbara fejn ħareġ ben ċar li l-iskema kienet ekwivalenti għall-applikazzjoni mas-Servizz Pubbliku. Filwaqt li min daħal jistudja direttament l-Università, bħalma hu l-grupp tar-rikorrenti, il-proċedura sabiex jiġu ingaġġati kemm mal-privat u kemm mas-Servizz Pubbliku kienet differenti u ċioe li japplikaw għall-impjieg u jpoġġu għall-intervista, għalhekk il-proċess kien wieħed selettiv. Il-*

*Qorti tal-Prim'Istanza naqqset milli tapprezza li r-rakkomandazzjoni tal-Working Group ittieħdet mingħajr ma qieset wiċċ ħadd u ma ngħatax esklussivament lil George Borg iżda lill-edukaturi kollha li f'Ottubru 1978 kellhom impjieg garantit.*

*13. ILLI l-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat ukoll li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li ż-żewġ gruppi kienu "impjegati fl-istess klassi ta' impieg' u li għandhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali'. L-atturi taw l-istess servizz li taw l-għalliema tal-grupp ta' Borg. Mhux biss imma. L-atturi ġew ingaġġati uffiċjalment mas-Servizz Pubbliku saħansitra qabel il-grupp ta' Borg. Minkejja dan, il-grupp ta' Borg ħa l-pensjoni tas-servizz u huma baqgħu b'xiber imnieħer. Dan ifisser li l-għemil amministrattiv in kwistjoni jmur kontra l-liġi u għalhekk jinkwadra ruħu wkoll fid-dispożizzjonijet tal-Art. 469A(iXb)(iv) tal-kodiċi ritwali. Iżda sabiex il-Qorti waslet għal din il-kunsiderazzjoni ma ħaditx in kunsiderazzjoni x-xhieda tal-konvenuti, partikolarment tas-Sur Mark Musu, ta' Dr. Jovce Cassar, ta' Grazio Barbara u ta' Espedito Grech fejn ikoll qalu li d-differenza bejn iż-żewġ gruppi kienet il-fatt li l-grupp ta' George Borg kellu l-promise of employment konsegwenza tal-iskema ta' student-ħaddiem, filwaqt li l-grupp tar-rikorrenti riedu jgħaddu minn proċess selettiv.*

*14. ILLI in oltre fil-kunsiderazzjonijiet tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza naqqset ukoll milli tikkunsidra li meta intavolaw il-kawża, ir-rikorrenti mhux kollha kellhom l-età pensjonabbli u dan hekk kif ħareġ ben ċar mix-xhieda ta' Espedito Grech meta qal '...Din jgħidulha personal record sheet; illi hemm l-elenku tas-servizz tal-individwu.., ta' kull individwu, minn meta beda sakemm eventually spiċċa, jekk spiċċa, għax mhux kollha spiċċaw. Addizzjonalment il-Qorti naqqset ukoll milli tapprezza li ħadd mir-rikorrenti m'għamel talba formali permezz tal-formola GP61. Kieku sar hekk id-deċiżjoni la kienet ser tkun tas-Segretarju Permanenti jew wisq anqas taċ-Chairperson ta' xi Working Group stante li huwa biss id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali li huwa mogħni bil-poter tat-tħaddim tal-KAP 93 tal-Liġijiet ta' Malta.*

## Risposta tal-appellati

8. **L-atturi appellati** jagħtu rendikont tal-fatti hekk kif seħħew u jagħmlu referenza għall-affidavits prodotti b'enfażi fuq l-affidavit ta' Lorenza Borg Savona. Jagħmlu referenza anke għax-xhieda mressqa u jenfasizzaw li huma ressqu din il-kawża wara li saru jafu li numru ta'

għalliema kienu daħlu fiċ-ċivil wara l-atturi u ngħataw pensjoni *ex gratia*. Jargumentaw li meta lura fis-sebgħinijiet intqal lil grupp ta' għalliema (li magħhom qed jagħmlu paragun) li mhux se jitilfu d-drittijiet tagħhom jekk jagħmlu aktar żmien jistudjaw flok jibdew jaħdmu mal-ewwel, dan ċertament ma setax jitqies li kien qed jirreferi għall-pensjoni tat-Teżor u dan għaliex dak iż-żmien ir-riforma kienet għadha ma seħħitx. Jargumentaw li ż-żewġ gruppi setgħu kieku riedu jaħdmu maċ-ċivil sa mill-1978, u li t-tnejn li huma għamlu għażla li wasslet biex jidħlu għalliema Grade II mal-Gvern fl-1980, wara l-bidla fir-reġim tal-pensjonijiet. Fi kliem l-attriċi Lorenza Borg Savona, iż-żewġ gruppi lagħbu karta fejn tidħol il-pensjoni iżda għalkemm tal-grupp l-ieħor ġiet tajba, fil-każ tal-atturi nbidlet il-karta.

9. Jargumentaw illi l-appell li tressaq mhuwiex mis-sentenza *in parte* tal-25 ta' Frar 2021 u b'hekk l-eċċezzjonijiet relatati mal-allegat inapplikabilità tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12, l-allegat nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi (għajr għal Lorenza Borg Savona) u l-allegat nuqqas ta' fondament tal-azzjoni sa fejn imsejjes fuq l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, issa għaddew in ġudikat. Jargumentaw li l-uniku aggravju tal-appellanti huwa dwar apprezzament żbaljat tal-provi, isegwi li mill-bqija l-argumenti legali li jixprunaw il-kawża tal-atturi huwa l-kunċett ta' non-diskriminazzjoni, il-kunċett ta' *equal pay for equal work* u l-kunċett ta' Single Source Employment.

10. Jgħidu li l-appellanti jippruvaw joħolqu differenzi u distinzjonijiet bejn iż-żewġ gruppi meta fil-verità ma hemmx. Jgħidu li mhux minnu li l-Ewwel Qorti ma qisitx id-differenza bejn iż-żewġ gruppi. Il-Qorti però waslet għall-konklużjoni wara li kkunsidrat il-provi li kellha quddiemha li mhux minnu li dawn id-differenzi jiġġustifikaw it-trattament differenti li rċevew iż-żewġ gruppi u li s-sitwazzjoni taż-żewġ gruppi hija simili biżżejjed li kellhom jiġu trattati bl-istess mod.

11. Il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti huma loġiċi u jagħtu raġun lill-atturi fosthom Lorenza Borg Savona li argumentat kif meta wieħed jifli l-allegat differenzi fil-grupp jinduna li ma hemm l-ebda differenza. Jgħidu li l-appellati ddeċidew li jkomplu jistudjaw u li kieku kienu jafu li ser jinbidel ir-reġim tal-pensjoni, kienu jikkunsidraw li jibdew jaħdmu flok li għażlu li jkomplu bl-istudji tagħhom.  Ma kien hemm l-ebda wegħda lill-grupp ta' Borg u li kieku kien hemm il-pensjoni kienet tingħata bi dritt u mhux *ex gratia.*

12. Li l-grupp ta' Borg kienu diġà jaħdmu hi distinzjoni artifiċjali u dan għaliex xorta daħlu fil-grupp taċ-ċivil fi Frar 1980 wara l-atturi u li xorta kellhom jgħaddu mill-approvazzjoni tal-PSC qabel jitqiesu li daħlu maċ-Ċivil. Jargumentaw li anke huma kienu jalternaw bejn studju u tagħlim u li jekk il-Gvern deherlu li għandu jaġevola lill-grupp ta' Gorg Borg għax għażel li jkompli jistudja, bl-istess mod għandu jiġi rikonoxxut l-impenn

tal-atturi li għalkemm f'kors differenti, wkoll komplew l-istudji tagħhom sabiex jidħlu fl-impjieg bħala Teacher II.

13. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Fatti*

*Din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju skont l Artiklu 469A tal Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L atturi, li huma lkoll eks għalliema llum irtirati, qegħdin jikkontestaw deċiżjoni tas-Segretarju Permanenti fil Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, li biha l-Ministeru ċaħdilhom talba sabiex jawtorizza ħruġ ta' pensjoni tas-servizz, popolarment magħrufa bħala tat Teżor ex gratia u ħlas ta' somma li għaliha kienu jkunu intitolati uffiċjali pubbliċi li daħlu maċ-ċivil qabel Jannar 1979, l istess kif ingħatat tali pensjoni lil grupp ta' għalliema oħra li daħlu lil grupp ta' għalliema oħra li daħlu warajhom fis-16 ta' Frar 1980 (minn issa ' 16 ta' Frar 1980 (minn issa ' quddiem imsejjaħ "l quddiem imsejjaħ "l--Grupp ta' Borg").Grupp ta' Borg"). L-atturi kien daħlu mal-Gvern fis-77 ta' Jannar 1980. Fil-15 ta' Jannar, 1979 daħal fis-seħħ reġim ġdid illi jirregola l-pensjonijiet tal-ħaddiema taċ-Ċivil. L-atturi jsostnu illi din id-deċiżjoni meħuda fil-konfront tagħhom hija inġusta, diskriminatorja u msejsa kunsiderazzjonijiet irrelevanti, b'dan li tikser il-liġi.*

*Fis-snin sebgħin min xtaq isir għalliem kellu żewġ toroq:*
*(a) Kors ta' tliet snin fit-Teachers' Training College, li kien iwassal biex tilħaq għalliem Grad 1 mal-Gvern.*
*(b) Kors ta' tliet snin l-Universita`, minn fejn kont iġġib Baċċellerat, B.A. (Hons) jew (Gen) biex tilħaq għalliem Grad 1. Jekk jagħmel sena oħra seta' jakkwista Post Graduate Certificate in Education (PGCE) u kien jilħaq għalliem Grad 2 mal-Gvern b'paga u seniority aħjar, li dak iż-żmien kienet importanti biex tavvanza fil-karriera mal-Gvern.*

*L-atturi lkoll kienu ggradwaw fl-1978 (jew qabel) u kienu għalhekk intitolati li japplikaw biex jidħlu jaħdmu maċ-ċivil minn dik is-sena. Iżda minflok, l-atturi għażlu li jieħdu l-kors ta' PGCE bl-iskop li mbagħad jidħlu jgħallmu bħala Teachers Grade II Eventwalment iddaħħlu fl-istaff list tal-Gvern b'effett mis-7 ta' Jannar, 1980.*

*Kunsiderazzjonijiet legali*
*Meta Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrativ, hija tista' u għandha tgħarbel kif l-awtorita` pubblika tkun eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha u ta' xhiex tkun ħadet kunsiderazzjoni f'dak l-eżerċizzju. Iżda l-Qorti m'għandha qatt tissostitwixxi b'tagħha d-diskrezzjoni li hija bil-liġi mħollija f'idejn dik l-awtorita`. Huwa eżerċizzju ta' "kassazzjoni". Il-Qorti ma tindaħalx dwar jekk id-deċiżjoni jew l-għemil imwettaq ikunx*

*wieħed sostantivament korrett, sakemm ikun formalment raġonevoli u jaqa' fil-limiti tas-setgħat mogħtija lil dik l-awtorita` li tkun wettqitu. Għalhekk is-seba' eċċezzjoni hija waħda tajba sa fejn issostni li din il-Qorti ma tistax tordna lill-amministrazzjoni pubblika biex tagħti l-pensjoni tas-servizz lill-atturi.*

*Il-każ preżenti huwa bbażat fuq il-premessa li d-deċiżjoni li ma tingħatax pensjoni tas-servizz lill-atturi bħalma ngħatat lil ħaddieħor ittieħdet għal għanijiet mhux xierqa, u kienet imsejjsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti. Din il-premessa tinkwadra ruħa fit-termini tal-Art. 469A(1)(b)(iii) tal-Kap. 12. Id-diskriminazzjoni hija waħda mill-każijiet fejn id-deċiżjoni amministrattiva tkun ittieħdet fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti.*

*Ġie stabbilit mill-ġurisprudenza li jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju meta:*
*(a) jkun ingħata lil persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn,*
*(b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbaħha, u li*
*(ċ) ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq.*

*Ladarba huwa l-attur li jallega d-diskriminazzjoni, jaqa' fuqu l-piż li jipprova dak li jallega. Irid jipprova li jkun ġie ttrattat differenti minn dawk li jkunu f'sitwazzjoni analoga jew tixxiebaħ b'mod relevanti. Kultant tant ikun hemm differenza ċara li t-trattament differenti jkun iġġustifikat li l-Qorti tieqaf hawn. Min-naħa l-oħra, jekk ix-xebħ tas-sitwazzjoni jiġi ppruvat, imbagħad il-piż idur fuq il-konvenut biex jiġġustifika d-differenza fit-trattament.*

*Jekk id-differenza ma tkunx daqshekk netta, il-Qorti trid tistaqsi jekk id-distinzjoni hix oġġettivament ġustifikabbli; ikollhiex għan xieraq jew hix imsejjsa fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti. Meta d-diskriminazzjoni tkun bi ksur ta' jedd fundamentali, bħal meta tkun minħabba r-razza jew is-sess, ikun pjuttost diffiċli li tiġi stabbilita r-rilevanza tal-kunsiderazzjoni li fuqha tkun ittieħdet id-deċiżjoni amministrattiva. Min-naħa l-oħra, f'tipi oħrajn ta' diskriminazzjoni huwa iktar diffiċli biex jiġi stabbilit jekk kienx hemm ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli għad-differenza fit-trattament. Huwa ferm diffiċli li jiġu stabbiliti kriterji fissi biex jiġi stabbilit liema minn każijiet bħal dawn huma raġonevoli u liema mhumiex. Fi kliem Lord Hoffman:*

> *"(whether) cases are sufficiently (alike to justify a finding of discrimination) is partly a matter of values and partly a question of rationality."*

*Hekk per eżempju fl-Ingilterra instab li kien raġonevolment ġustifikabbli li ssir distinzjoni bejn residenti u persuni mhux residenti fl-ammont ta' pensjoni statali li jingħatalhom.*

*Paragun bejn iż-żewġ gruppi*

*Jirriżulta li:*

*(i) Il-grupp tal-atturi u dak ta' Borg kienu jagħmlu l-istess xogħol ċjoe` dak ta' għalliema Grad II.*

*(ii) Bejn l-1975 u l-1978, il-grupp ta' Borg kienu studenti fil-kulleġġ MCAST; l-atturi kienu studenti f'kors l-Universita` fl-istess żmien jew qabel.*

*(iii) Fil-1978 kemm il-grupp ta' Borg kif ukoll il-grupp tal-atturi setgħu jiggradwaw u għalhekk setgħu jidħlu jaħmu maċ-Ċivil; il-grupp ta' Borg bħala għalliema grad I (li kien inqas minn grad II) u l-grupp tal-atturi f'xogħol ieħor mal-Gvern.*

*(iv) Fil-1978 il-grupp ta' Borg aċċetta li jidħol għall-kors B.Ed. li ntemm sena u nofs wara. F'din is-sena u nofs kienu fl-iskema student-ħaddiem. Fi tmiem il-kors ġew impjegati bħala għalliema Grad II. Il-grupp tal-atturi għamel sena PGCE. Kienu għamlu teaching practice sitt ġimgħat għal darbtejn. Kien parti ntegrali mill-kors tagħhom. Iż-żewġ gruppi għażlu li jagħmlu kors post-graduate; l-għan kien illi jidħlu għalliema fi grad II minflok grad I. Id-differenza kienet li bil-postgraduate li għamel il-grupp ta' Borg, seta' jidħol biss bħala għalliem filwaqt li bil-postgraduate li għamlu l-atturi setgħu jagħżlu li jidħlu wkoll f'postijiet oħrajn fiċ-Ċivil.*

*(v) L-atturi saru uffiċjali pubbliċi fis-7 ta' Jannar 1980 bħala Teachers Grade II. Il-grupp ta' Ġorġ Borg saru uffiċjali pubbliċi bħala Teachers Grade II fi Frar 1980; ilkoll wara li għaddew mill-PSC u approvati mill-Prim Ministru.*

*Permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħhom, il-konvenut jgħidu li kien hemm differenzi materjali bejn iż-żewġ gruppi:*

> *"R-rikorrenti la kienu lestew il-kors tal-istudju tagħhom sabiex isiru għalliem u lanqas ma kienu jiffurmaw parti mis-servizz pubbliku qabel il-15 ta' Jannar, 1979. Illi dina s-sitwazzjoni hija differenti mis-sitwazzjoni li tapplika fil-każ tal- individwi l-oħra fejn dawn tal-aħħar kienu diġà spiċċaw il-kors ta' studju b'suċċess sabiex isiru għalliema liema tmiem tal-kors ta' studju fetħilhom il-bieb għall-ingaġġ tagħhom mas-servizz pubbliku qabel il-15 ta' Jannar, 1979."*

*Il-fatti esposti f'din l-eċċezzjoni mhumiex għal kollox preċiżi. Il-grupp ta' Borg daħal fl-iskema student-ħaddiem meta l-kors ta' tlett snin kien għadu ma ntemmx u rrinunzjaw għad-dritt li jidħlu jaħdmu bħala għalliema grad I fi tmiem it-tlett snin. Filwaqt l-atturi ma kinux jikkwalifikaw bħala għalliema fis-sena 1978, huma ggradwaw f'dik is-sena u għalhekk setgħu jiġu ngaġġati mas-servizz pubbliku għalkemm servizz pubbliku għalkemm mhux bħala għalliema.*

*It-tieni eċċezzjoni hija li:*

*"s-sitwazzjoni tal-individwi l-oħra li għalihom issir referenza mir-rikorrenti fir-rikors tagħhom hija oġġettivament differenti u distinta mis-sitwazzjoni tar-rikorrenti."*

*Din l-eċċezzjoni hija waħda ġenerika u ma tagħti l-ebda indikazzjoni tal-fatti li jissorreġuha. Forsi permezz tagħha, il-konvenuti kienu qegħdin jirreferu biss għall-fatti esposti fit-tielet eċċezzjoni li iżda kif għadu kif ingħad huma tal-inqas parzjalment żbaljati. B'danakollu waqt is-smiegħ tal-kawża forsi konsapevoli li t-tielet eċċezzjoni tagħhom ma treġix – il-konvenuti żiedu distinzjonijiet oħrajn mar-repertorju tagħhom:*

*(i) Illi l-grupp ta' Borg kien fi skema ta' "studenti ħaddiema", b'dan għalhekk illi jista' jitqies li, għalkemm ġew nklużi fl-istaff list fi Frar 1980, kienu "ħaddiema" anke qabel din id-data.*

*L-atturi ma kinux uffiċjalment studenti-ħaddiema imma xorta kienu jaħdmu billi ħaddiema imma xorta kienu jaħdmu billi jagħmlu t-teaching practice bħala parti ntegrali mill-kors tagħhom. Il-Qorti ma tistax taċċetta din id-distinzjoni bħala waħda rilevanti. Bħala studenti-ħaddiema l-grupp ta' Borg xorta ma kinux uffiċjali taċ-ċivil għaliex ma kinux maħturin mill-PSC.*

*(ii) Illi l-grupp ta' Borg ingħataw assikurazzjoni li jekk ikomplu jistudjaw ma kienu sejrin jiġu żvantaġġjati bl-ebda mod.*

*Din iżda ma ġietx ippruvata. L-ebda dokument ma tressaq fir-rigward. L-ebda xhud miċ-ċivil ma kkonfermaha. Anzi fir-rapport li Mark Musu` lill-Prim Ministru, irrimarka li ma kien hemm l-ebda prova dwar dan.*

*(iii) Jekk il-gvern dehrlu li għandu jaġevola lill-grupp ta' Borg għax għażel li jkompli jistudja, bl-istess mod għandu jiġi rikonoxxut l-impenn tal-atturi li, għalkemm f'għalkemm f'kors differenti, wkoll komplew l-istudji tagħhom sabiex jidħlu fl-impjieg bħala Teacher II. L-atturi, bħall-grupp ta' Borg, li kieku kienu jafu li ser jinbidel ir-reġim tal-pensjoni, kienu jikkunsidraw illi jidħlu jaħdmu fis-sena 1978 imma, minflok għażlu li jkomplu l-istudji tagħhom mingħajr għarfien tal-bidla imminenti fir-reġim.*

*F'risposta li ta' Mark Musu` lil Lorenza Borg Savona, kitbilha li d-differenza bejn iż-żewġ gruppi li li l-grupp ta' Borg daħal jaħdem qabel il-1979. Waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti huwa għaraf li kien żbalja f'dan ir-rigward u skuża ruħu.*

*Jirriżulta mix-xhieda in kontro-eżami ta' Mark Musu` li ma kienx konxju bil-fatti kollha relatati mal-kaz tal-atturi. Għalhekk ma kienx f'qagħda li jqis jekk il-bażi għal-għotja tal-pensjoni hix simili bejn iż-żewġ gruppi:*

*"Dr Kirk Brincau: Pero' Sur Musu`, ħa nirreferik għal dan. Mela r-*

*rikorrenti daħlu fil-kors quddiem l-università fis-sena 1975, ġabu l-baċellerat tagħhom fis-sena 1978. Issa fis-sena 1978 huma jallegaw li setgħu jidħlu bħala teachers fil-grad 1. Ġara pero' li huma ppreferew jagħmlu post grad biex huma jidħlu għal grad 2 mal-Gvern, biex hemmhekk grad 2 ikollhom paga aħjar. Li ġara hu li meta huma kienu fil-post grad, l-ewwel grad 2 tan-1978, ħarġet imbagħad, jiġifieri l-grad 2 huma bdewh September 1978 il-post grad. Ġara li mbagħad Jannar ta' 1979, il-Gvern annunzja li l-pensjoni tat-Teżor kienet ser tieqaf. Jiġifieri anke fin-naħa tar-rikorrenti huma daħlu għal post grad b'ċertu aspettativa tal-pensjoni tat-Teżor u din intilfitilhom, u għalhekk f'din iċ-ċirkostanza li qed insaqsik x'inhi fl-opinjoni tiegħek id-differenza bejn Gorg Borg u rikorrenti.*

*Mark Musu`: Din l-informazzjoni ma kinitx nġiebet għall-attenzjoni tiegħi, jiġifieri f'dak il-mument jien ma stajtx nagħmel evalwazzjoni ta' bejn iż-żewġ gruppi. Jiena li kont qed nevalwa at that stage huwa żewġ gruppi differenti illi jien kont qed narahom departure points differenti. Nerġa' ngħid jekk din l-informazzjoni jirriżulta li hija korretta, ovvjament min-naħa, jien min-naħa tiegħi ma jkollix problema illi nagħmel xi rakkomandazzjoni ta' dan, imma ovvjament irrid nara l-affarijiet."*

*Huwa inspjegabbli kif għall-grupp ta' Borg ġie ffurmat working committee inter-ministerjali pero` ma ġiex appuntat wieħed għall-atturi. Hawnhekk wieħed jara differenza fit-trattament versu l-atturi mhux biss konness mad-deċiżjoni finali imma mal-proċess li wassal għaliha. Huwa evidenti li dan seħħ sempliċiment għaliex Ġorg Borg (li mexxa l-grupp ta' Borg) meta rtira ma kienx sempliċi għalliem imma kien addirittura d-Direttur tal-Edukazzjoni u għalhekk kellu voce in capitolo. Instema' l-każ tiegħu filwaqt li dak iż-żmien, il-każ tal-atturi lanqas biss ġie kkunsidrat. L-amministrazzjoni tal-Gvern mhix Qorti. M'għandhiex tisma' biss lil min jilmenta u tinjora li min ikollu sitwazzjoni bħal dak li jilmenta. Ukoll jekk jiġi konċess li forsi m'hemm xejn ħażin li l-amministrazzjoni tal-pajjiż f'sitwazzjonijiet appożiti tagħti benefiċċji ex gratia, bħalma għamlet f'dan il-każ, żgur li ma tistax kappriċċożament tagħżel, li f'każijiet li jixxiebħu (mhux bilfors identiċi), lil min taqlalu grazzja u lil min le. L-impjegati għandhom kollha jirċievu l-istess trattament mingħand l-amministrazzjoni pubblika.*

*Imbagħad meta b'kumbinazzjoni l-atturi saru jafu x'kien qed jiġri u bdew jitolbu spjegazzjoni, l-awtoritajiet ikkonċernati mill-ewwel ippruvaw ixejnu l-ilment ta' Lora Borg Savona u l-bqija tal-atturi, mhux biss billi jippruvaw ipinġuha li l-ilment lanqas biss jistħoqqlu jiġi indirizzat, iżda addirittura billi ppruvaw jaħbu fatti relevanti u għamlu stqarrijiet żbaljati biex jiżvijaw u jaqgħu qalb l-atturi. Dan ikompli jaċċentwa t-trattament differenti u diskriminatorju li batew l-atturi.*

*Għalhekkk jirriżulta li kien hemm ksur tal-Art. 469A(1)(b)(iii) tal-kodiċi ritwali.*

*L-atturi jallegaw ukoll li kien hemm ksur tal-Art. 27 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaqra hekk:*

> *"Impjegati fl-istess klassi ta' impieg għandhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali:*
>
> *B'dan illi prinċipal u ħaddiem jew union ta' ħaddiema b'riżultat ta' negozjati għal ftehim kollettiv jistgħu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, żidiet annwali u kundizzjonijiet ta' xogħol oħra differenti għal ħaddiema li jkunu impjegati fi żminijiet differenti, liema skali jkollhom massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit; u*
>
> *B'dan ukoll illi kull distinzjoni bejn klassijiet ta' impieg ibbażata fuq trattament diskriminatorju mod ieħor milli skont id- dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi liġi oħra tkun nulla u bla effett."*

*Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Frar 2021, din il-Qorti, diversament ippreseduta sabet, b'riferenza għall-ħames eċċezzjoni, li l-Art. 27 japplika wkoll għal impjegati tal-Gvern minkejja li s-servizz mal-Gvern huwa meqjus li joħloq rapport speċjali rregolat b'dispożizzjonijet speċjali speċifikament applikabbli għalih.*

*M'hemmx dubbju li l-pensjoni tas-servizz hija forma ta' rimunerazzjoni għax-xogħol li tkun għamlet il-persuna ingaġġata fis-servizz ċivili, kif hekk tqisha l-Qorti Ewropeja.*

*M'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li ż-żewġ gruppi kienu "impjegati fl-istess klassi ta' impieg" u li "għandhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali". L-atturi taw l-istess servizz li taw l-għalliema tal-grupp ta' Borg. Mhux biss imma. L-atturi ġew ingaġġati uffiċjalment mas-Servizz Pubbliku saħansitra qabel il-grupp ta' Borg. Minkejja dan, il-grupp ta' Borg ħa l-pensjoni tas-servizz u huma baqgħu b'xiber imnieħer. Dan ifisser li l-għemil amministrattiv in kwistjoni jmur kontra l-liġi u għalhekk jinkwadra ruħu wkoll fid-disposizzjonijet tal-Art. 469A(i)(b)(iv) tal-kodiċi ritwali.*

*Din il-Qorti m'għandhiex il-mansjoni li tevaluwa hi stess it-talba tal-atturi li jingħataw is-somma u l-pensjoni tat-Teżor minħabba li jekk tagħmel hekk tkun qiegħdha tindaħal fejn ma jesagħhiex u tużurpa l-funzjonijiet amministrattivi u għalhekk u f'dan is-sens biss qiegħdha tilqa' s-seba' eċċezzjoni.*"

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

14. L-azzjoni ġiet imressqa wara li l-attriċi Lorenza Borg Savona bagħtet *e-mail* nhar it-22 ta' Marzu 2017 li eventwalment ġiet mgħoddija lill-appellant Segretarju Permanenti:

> *"I was employed with the education department in Sept 1979 as teacher grade2 as I had a BA and PGCE. Upon reaching retirement age I was informed that I am entitled to a social security pension as I was employed after 15 th January 1979. However I have now learnt that the BA(educ) who were employed in February 1980 also as teachers grade2 will be receiving the treasury pension. I feel that this is discriminatory and unjust. This has created an anomaly as we were both employed by the sane employer with the same requirements and doing the same work and now we are going to have different retirement conditions. I feel that the whole group should be treated the same with no preferential treatment to particular individuals".*

15. Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, permezz ta' *e-mail* mibgħuta nhar it-23 ta' Marzu 2017 wieġeb b'żewġ punti: (1) li ħaddiema tal-Gvern fi gradi identiċi jitħallsu salarji identiċi iżda li japplikaw kundizzjonijiet ta' xogħol differenti li joħorġu mid-data tal-impjieg mas-servizz pubbliku: (2) li s-sitwazzjoni tal-attriċi Borg Savona kienet differenti minn dik tal-BA (Educ) group u dan għaliex l-attriċi ma kinitx fl-impjieg mas-servizz pubbliku qabel il-15 ta' Jannar 1979 iżda li ġiet impjegata wara din id-data. Żied li kieku kienet f'sitwazzjoni analoga għal dik tal-BA (Educ) group kienet tiġi trattata l-istess. L-attriċi wieġbet għal din l-*e-mail* u qalet:

> *"May I point out that according to the official government staff list published January 1989 the date of first appointment with the government for the BA(Educ) is 16th February 1980, while the date of my first appointment is 24th September 1979, that is why I feel that I am being discriminated."*

16. L-istess Segretarju Permanenti weġibha: *"The staff list of 1989 is showing that date of appointment because it was when this group completed the BA(Educ). However it transpired that they were in employment with the public service before 1979."*

17. Jidher li Borg Savona ma kinitx kuntenta b'din ir-risposta u bagħtet korrispondenza oħra fit-12 ta' April 2017 lis-Segretarju Permanenti fejn infurmatu li l-grupp tal-BA (Educ) ngħata l-pensjoni tat-teżor u *gratuity* fuq bażi *ex gratia* u talbet li tingħata lilha l-istess konċessjoni. Jidher li wara din il-komunikazzjoni l-attriċi Lorenza Borg Savona kkomunikat ma' ċertu Rodianne Farrugia, Customer Relations Officer, fl-Information Management Unit u ġiet provduta s-segwenti risposta:

> *"With reference to your email, please note that we have forwarded it to Mr.Barbara and received the below reply:*
>
> *The group that Ms Borg Savona is making reference to was in a different situation to hers. The group she is making reference to was on termination of their studies to be appointed as Teacher 1 as from September 1978. They were however offered the opportunity to continue their studies and be appointed as Teacher 2 on the understanding that they retain their pensionable conditions. As a matter of fact, those who did not elect to continue their studies to be appointed Teacher 2, qualified for the Treasury Pension because their appointment was in September 1978."*

18. L-atturi bbażaw l-azzjoni tagħhom fuq żewġ subinċiżi 1(iii) u 1(iv) tal-Artikolu 469A. Taħt l-ewwel subinċiż l-atturi jgħidu li l-egħmil amministrattiv tas-Segretarju Permanenti jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika u dan billi ta deċiżjoni għal għanijiet mhux xierqa jew mibnija fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti (**469A(1)(b)(iii)).** Taħt it-tieni subinċiż igħidu li d-deċiżjoni hi kontra l-liġi **(469A(1)(b)(iv)).**

19. Din il-Qorti ma tqisx li d-deċiżjoni tas-Segretarju Permanenti kienet

kontra l-liġi. Hu inkontestat illi l-atturi ġew ingaġġati uffiċjalment mal-Gvern fl-1980 u l-Kapitolu 93 tal-Liġijiet ta' Malta fl-Artikolu 21 tagħha jgħid li d-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-pensjoni japplikaw għal uffiċjali maħturin mas-Servizz Pubbliku ta' Malta qabel il-15 ta' Jannar 1979. Għalhekk iċ-ċaħda tas-Segretarju Permanenti lill-atturi li jqishom eliġibbli għal pensjoni tat-tezor saret skont il-liġi.

20. L-atturi jsostnu li d-differenza li saret bejnhom u l-grupp ta' Borg fl-għoti tal-pensjoni tat-Teżor lil dawn tal-aħħar saret għal ragunijiet mhux xierqa jew fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti. L-Ewwel Qorti qieset illi ma kien hemm ebda differenza bejn l-atturi u l-grupp ta' Borg li tiġġustifika li tal-aħħar jingħataw il-pensjoni tat-Teżor u l-atturi jiġu mċaħħda minnha. Il-provi juru illi l-ġustifikazzjoni tal-intimati kienet li l-grupp ta' Borg li daħal għal kors *B.Educ*. fl-1975, u fl-1978 kienu ġja jikwalifikaw bħala *Teachers* fit-*Teachers Training College* (illum MCAST) madankollu ngħataw l-opportunità ftit qabel ma kkwalifikaw li jidħlu fl-iskema ġdida ta' ħaddiem/student f'kors ta' xi tmintax-il xahar biex iżidu fl-istudju u jieħdu grad ogħla b'dan li jitqiesu ġja għalliema kwalifikati minn meta suppost temmew il-kors ta' B.Educ. A bazi ta' hekk u għalkemm huma ġew ingaġġati formalment u effettivament mas-Servizz Pubbliku fl-1980 bħall-atturi, l-intimati rrikonoxxew li kieku ma kienx għal din l-iskema l-grupp ta' Borg kien ġja jikkwalifika bħala għalliem qabel il-15 ta' Jannar 1979 għalkemm bi grad inqas kieku ma għamlux il-kors ta' għalliem/student.

Fil-fatt mix-xiehda ta' Mark Musu, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Familja u Grazio Barbara, Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali jirriżulta illi fil-każ tal-grupp ta' Borg il-post ta' għalliem kien ġja garantit bl-iskema mingħajr il-bżonn ta' skrutinju jew vakanzi fil-grad ta' għalliem għalkemm xorta kellha ssir il-ħatra uffiċjali mill-PSC u l-approvazzjoni tal-Prim Ministru, filwaqt li l-kors universitarju tal-atturi, segwit mill-kors ulterjuri ta' sena tal-PGCE biex ikunu eliġibbli għal għalliema fi grad II, ma kienx iwassal għal impjieg awtomatiku bħala għalliema fis-Servizz Pubbliku iżda jrid jkun hemm vakanzi f'dan is-settur biex jiġu mpjegati bħala tali għalkemm kienu eliġibbli għall-impieg mas-Servizz Pubbliku f'setturi oħra. B'żieda kien hemm wegħda li tidher mid-dokument JC3 a fol 222 tal-proċess li rregolat l-iskema ta' ħaddiem/student u fost il-kondizzjonijet miftehma mid-Direttur tal-Edukazzjoni mal-applikanti f'dik l-iskema fosthom il-grupp ta' Borg jingħad hekk:

> *"5) at the termination of the course successful student workers will be employed with Governemnt as Grade II teachers;*
>
> *7) Student workers who fail the examinations being held at the end of the Summer '78 semester will be restructured into another job within the Education Department."*

21. B'hekk ġiet deċiża li ssir l-għotja *ex gratia* tal-pensjoni tat-Teżor lill-grupp ta' Borg, billi l-Kap. 93 laħaq daħal fis-seħħ sakemm sar l-ingaġġ uffiċjali. Mhux l-istess jingħad għall-atturi, li kienu studenti universitarji fil-kors *B.Educ.* fl-1978, u meta temmew il-kors setgħu japplikaw biex ifittxu impjieg mal-Gvern, iżda biex isiru għalliema kellhom

jagħmlu *post graduate* ta' sena qabel japplikaw, u wara kif diġà ntqal ma kien hemm ebda garanzija ta' ingaġġ awtomatiku bħala għalliema. Iċ-ċirkostanza ta' fatti li wasslu lill-atturi u l-grupp ta' Borg li t-tnejn jieħdu l-grad 2 bħala għalliema kienu differenti kif spjegat u għalhekk ma jistax jingħad li għal fini tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii) kien hemm sitwazzjoni simili jew ittieħdet deċiżjoni għal raġunijiet irrilevanti jew b'abbuż. Il-fatt waħdu li l-ħlas lil grupp ta' Borg sar 'ex gratia' u mhux bi dritt taqa' fil-limiti raġonevoli tad-diskrezzjoni amministrattiva jekk tali ħlas jiġix estiż lil terżi jew le.

22. Għalhekk l-aggravju qed jiġi milqugħ.

**It-tieni aggravju tal-appellanti**

23. **Permezz tat-tieni aggravju**, l-appellanti jilmentaw li:

> *"15. Illi l-appellant ħass ukoll ruħu aggravat mill-kap tal-ispejjeż meta ġie ordnat iħallas 5/6 tal-ispejjeż. Illi fl-umli opinjoni tal-appellant, hu m'għandux ikun ippenalizzat ta' deċiżjoni li ħa ai termini tal-KAP 93. L-appellant iħoss li meta l-Qorti akkordat l-ispejjeż, għal darb'oħra naqqset milli tagħmel distinzzjoni tal-pożizzjoni tas-Sur Mark Musu bħala Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Politika Soċjali u Drittijiet tat-Tfal ġia l-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali u l-pożizzjoni tiegħu bħala Chairperson inkarigat sabiex imexxi Working Group sabiex jagħmel rakkomandazzjoni lis-Segretarju Permanenti. Prinċipali. F'din l-istanza l-Qorti tal-Prim'Istanza naqqset milli tapprezza l-fatt li bħala Segretarju Permanenti, l-appellant responsabbli mid-deċiżjonijiet tiegħu li jkunu ai termini tal-Liġijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu. Il-Fatt li hu esegwixxa deċiżjoni tal-Prim Ministru m'għandu qatt iservi bħala l-mezz li bih jiġi penalizzat li d-deċiżjoni tiegħu kienet waħda diskriminatorja u c msejsa fuq kunsiderazzjoni irrelevanti."*

**Risposta tal-appellanti**

24. **L-atturi appellati jilmentaw li** l-appellanti jerġgħu jqajmu din il-kwistjoni tar-rwol doppju ta' Musu b'rabta mat-tqassim li sar mill-Qorti tal-ispejjeż tal-kawża. L-appellati jissottomettu illi dan il-punt ma għandu ebda relevanza għall-kap tal-ispejjeż tal-kawża, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet li jiġġustifikaw li l-ispejjeż jitqassmu mod ieħor. Dwar l-ispejjeż *semmai* huma l-esponenti li kellhom raġuni u interess li jappellaw u dan minkejja li l-Qorti tathom raġun li saret inġustizzja magħhom xorta weħlu sest tal-ispejjeż tal-konvenuti appellanti, *oltre* l-ispejjeż tal-konvenuti l-oħra.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

25. **Din il-Qorti tqis li peress li dan l-appell ser jintlaqa**, l-kap tal-ispejjeż tal-Ewwel Qorti ser jiġi irriformat.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula sopra, billi tilqa' l-appell imressaq mill-intimati Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali u s-

Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, u tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-16 ta' Lulju 2024 u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż quddiem l-Ewwel Qorti u dawk tal-appell jkunu a karigu tal-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da